MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-8 ta' Mejju, 2013

Numru. 6/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Edmond Cuschieri )**

**vs**

**NOEL SCICLUNA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha Noel Scicluna, ta' 29 sena, bin Joseph u Tessie nee' Micallef, imwieled nhar l-10 ta' Mejju 1983 gewwa l-Pieta' detentur ta' karta tal-identita bin-numru 267783M u joqghod Blue Waters, 12, Triq Gulju, San Pawl il-Bahar

Gie akkuzat talli nhar it-27 ta' Marzu 2012 ghal-habta tad-9am gewwa Triq il-Kostituzzjoni, Mosta hu volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe fuq il-vettura Peugot bin-

numru ta' registrazzjoni GBR580 liema hsara tammonta ghal €271.40 (mitejn u wiehed u sebghin Ewro u erbghin centezmu tal-Ewro) u liema hsara saret ghad-detriment ta' Gabriel Micallef u jew persuni ohra.

F'kaz ta' htija il-Qorti giet mitluba sabiex tahseb ghas-sigurta tal-vittma.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Gererali esebit bhala Dok EC3 u nnutat li l-imputat Noel Scicluna m'ghandhux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu.
Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum il-Prosekuzzjoni iddikjarat li l-parte civile Gabriel Micallef thallas dak kollu dovut lilu mill-imputat rigward din il-kawza.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 325(1)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Noel Scicluna, fuq ammissjoni, hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz dak dikjarat fil-Verbal tas-Seduta tallum mill-Prosekuzzjoni kif riportat aktar qabel f'din is-Sentenza, tillibera lill-istess imputat Noel Scicluna taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena millum.

Il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, torbot lill-imputat Noel Scicluna b'obbligazzjoni personali ta' Euro 1000 li jzomm il-kwiet ma' Gabriel Micallef u l-familjari tieghu ghal zmien sena millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Noel Scicluna l-ispjegazzjoni preskritta fis-subartikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------